MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Rikors Numru. 14/1959

**Carmela Vella**

**Vs**

**Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex**

Permezz ta' rikors prezentat fis-27 ta' Novembru 2009 ir-rikorrenti talbet lil din il-qorti sabiex:-

(a) Tirrevoka d-digriet moghti fit-30 ta' Ottubru 2009 (fol. 4) fil-kawza **Maria Debono et vs Kanonku Dekan Francesco Camilleri nomine** (Citaz. Numru:- 14/1959) deciza fid-19 ta' Dicembru 2008 fl-ewwel istanza. F'dak id-digriet il-qorti ordnat li t-tassazzjoni tal-kawza kellha ssir fuq valur ta' €160,000 fir-rigward tad-drittijiet tal-avukat.
(b) Torda lir-Registratur sabiex jintaxxa d-drittijiet skond it-tariffa kif kienet vigenti meta kienet prezentata l-kawza.
(c) It-taxxa tinhadem ad valorem fuq vlaur ta' 644 liri sterlini u 7 soldi, valur tac-cedola ta' rkupru meritu tal-kawza.

(d) Fin-nuqqas tordna li l-valur tal-proprjeta ghandu jkun meta giet prezentata l-kawza u mhux meta nghatat is-sentenza.

L-intimata harget taxxa kalkolata fuq valur ta' €160,000 skond id-digriet tat-30 ta' Ottubru 2009, valur li applikatu kemm fir-rigward tad-dritt tar-registru u dak tal-avukati.

Mis-sentenza tal-ewwel qorti tad-19 ta' Dicembru 2008 ghad hemm appell pendenti. Carmela Vella hi l-attrici fil-kawza fuq imsemmija.

Ghar-rikors wiegbu l-konvenuti fil-kawza fuq imsemmija[1] u r-Registratur tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)[2].

M'huwiex kontestat bejn il-partijiet li t-taxxa tal-kawza **Maria Debono et vs Kanonku Dekan Francesco Camilleri nomine** (Citaz. numru: 14/1959) kellha ssir *ad valorem*. M'hemmx qbil dwar il-valur li fuqu r-Registratur kellha taghmel il-kalkoli. Ir-rikorrenti tippretendi li l-kalkoli kellhom isiru fuq valur ta' €1,500 (valur dikjarat fic-cedola ta' rkupru li qeghda tigi mpunjata permezz ta' dawk il-proceduri), filwaqt li l-konvenuti jaqblu ma' valur ta' €160,000 kif stabbilit fid-digriet tat-30 ta' Ottubru 2009 in kwantu t-taxxa kellha tirrifletti l-valur tal-proprjeta'.

*Prima facie* jidher li r-rikors prezentat minn Carmela Vella sar a tenur tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12 li jittratta dwar taxxar ta' spejjez gudizzjarji mir-Registratur, u l-mod kif taxxa ghandha tigi kontestata. Tant hu hekk li l-okkju tar-rikors jaqra: **"Carmela Vella vs Registratur tal-Qorti"**. M'hemmx dubju li meta r-Registratur tal-Qorti harget it-taxxa, ghamlet il-kalkoli fuq il-valur li gie ffissat mill-qorti fid-digriet tat-30 ta' Ottubru 2009 (fol. 4). F'dan il-kuntest jidher li dak li kellu jsir kien li jigi kontestat id-digriet li nghata fit-30 ta' Ottubru 2009 u mhux li ssir il-procedura kontemplata fl-Artikolu 64 tal-Kap. 12. Rilevanti li fir-rikors ir-rikorrenti qeghda titlob ***"...r-revoka contrario imperio"*** tad-digriet tat-30 ta' Ottubru 2009. Ghalhekk jidher li r-

[1] Risposta prezentata fl-14 ta' Dicembru 2009.
[2] Risposta prezentata fit-22 ta' Dicembru 2009.

Registratur ghandha ragun ssostni li l-procedura kellha tkun li jigi kontestat id-digriet tal-qorti u mhux issir il-procedura kontemplata fl-Artikolu 64 tal-Kap. 12.

Il-qorti tirrileva li ma taqbilx mal-argument tar-Registratur li din il-qorti m'hijiex kompetenti, in kwantu d-digriet tat-30 ta' Ottubru 2009 inghata minn din il-qorti. Qorti inferjuri ma ghandix kompetenza sabiex tirrevoka tali digriet.

Permezz tac-citazzjoni li giet prezentata fl-1959 l-attrici qeghda timpunja cedola ta' rkupru prezentata **fil-25 ta' Lulju 1958** fir-rigward ta' lok ta' djar fi Pjazza San Pietru Pawl, Nadur, Ghawdex. Ic-cedola ta' rkupru kienet giet prezentata mill-Kanonku Francesco Camilleri bhala mandatarju ta' John Mifsud kontra Rosa Galea ghan-nom ta' Francesco Galea li kien akkwista l-fond b'kuntratt tad-19 ta' Awwissu 1957. Bl-ezercizzju tal-jedd ta' irkupru kien jigi mahlul il-bejgh.

**Fit-18 ta' Awwissu 1958** l-attrici originali (Maria Debono awtrici ta' Carmela Vella) kienet ipprezentat cedola ta' rkupru kontra l-istess Francesco Galea u ddikjarat li ghandha l-jedd li tirkupra l-immobbli *".... sia imhabba konsorzju fic-cens kemm ukoll bit-titolu tal-vicinanza billi l-fond mibjugh huwa suggett ghas-servitu li jircievi l-ilma tal-fond kontigwu possedut mill-istess esponenta."*, cjoe' irkupru legali li kien jikkonsisti fil-jedd moghti lill-persuna li jiehu fuqu bejgh maghmul lill-persuna ohra.

L-azzjoni tal-attrici (citaz. numru: 14/1959) hi bazata fuq l-allegazzjoni li:-

1. Rosa Galea ma kellix mandat sabiex tidher f'isem Francesco Galea, u ghalhekk l-irkupru ezercitat mill-Kanonku Camilleri ghan-nom ta' John Mifsud hu null u minghajr ebda effett ghaliex ic-cedola ta' rkupru prezentata fil-25 ta' Lulju 1958 saret kontra Rosa Galea bhala mandatarja ta' binha Frank Galea.
2. F'kull kaz, l-irkupru u konsegwenti rivendizjoni li saru kienu nulli ghaliex gie simulat in kwantu sar ghall-interess biss ta' Francesco Galea u mhux ta' Antonio Mifsud.

Fir-rikors prezentata fis-27 ta' Novembru 2009, l-aggravji tar-rikorrenti Carmela Vella fir-rigward tat-taxxa mahruga mill-intimata, huma li:-

1. Il-valur kellu jkun dak dikjarat fic-cedola ta' rkupru in kwistjoni, u ghalhekk it-taxxa kellha tinhadem skond paragrafu 14 ta' Tariffa D.
2. Il-valur ta' kawza kemm ghal finijiet ta' kompetenza u tassazzjoni, jitqies fuq id-domanda u mhux fuq l-interess pekunjarju jew patrimonjali li l-attur jista' jkollu fl-ezitu tal-kawza.
3. It-tariffa kellha tkun dik applikabbli meta nfethet il-kawza u mhux it-tariffa vigenti, u dan in kwantu t-taxxa hi ta' natura fiskali.
4. Ukoll jekk wiehed kellu jqies il-valur kummercjali tal-fond irkuprat, dan m'ghandux ikun tal-valur tal-fond meta giet deciza l-kawza imma meta giet prezentata l-kawza.

Ir-riferenza ghal tariffa D tal-Kap. 12 m'hijiex flokha in kwantu tapplika ghall-ispejjez tar-Registru u mhux ta' Avukati fir-rigward ta' drittijiet li jithallsu ghal atti kawtelatorji u ezekuttivi u ghal bejgh fl-irkant fil-qrati superjuri u inferjuri. Fil-kaz in kwistjoni d-digriet tat-30 ta' Ottubru 2009 kien jirreferi ghad-dritt tal-avukati in kwantu r-rikors prezentat mill-konvenuti fl-20 ta' Ottubru 2009 kien limitat dwar it-taxxa tad-dritt tal-avukati. Tant hu hekk li f'dak id-digriet il-qorti osservat li *".....Qieset li l-kwistjoni tittratta dwar l-intaxxar tad-dritt tal-avukati."*. Il-qorti qeghda tifhem li wara d-digriet moghti fit-30 ta' Ottubru 2009, ir-Registratur ikkalkolat ukoll id-dritt ta' registru *ad valorem* fuq il-valur stabbilit fl-imsemmi digriet b'applikazzjoni ta' paragrafu 4(3) ta' Tariffa A li jawtorizza lir-Registratur tohrog taxxa addizzjonali.

Inoltre, ghalkemm id-domanda hi mportanti, *"t-tassazzjoni ta' kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni, mhux fis-sens limitat ghas-semplici inkartament, izda fis-sens ta' l-oggett taghha; u f'dan is-sens* ***il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jigi ragonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni ta' l-istess***

***kawza**, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jigi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jigu proposti jkunux akkolti jew michuda”* (**Avv. Dr. Giuseppe Pace *et* -vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella *nomine et***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 1 ta’ Ottubru, 1948).

Il-qorti lanqas taqbel li t-tariffa ghandha tkun dik applikabbli fiz-zmien li saret il-kawza, cjoe’ 1959. Ma jezisti l-ebda provvediment f’dan is-sens. Fir-rigward tad-dritt ta’ registru paragrafu 12 ta’ Tariffa A jippovdi:-
*“Rigward kawzi li gew prezentati qabel il-bidu fis-sehh ta’ din it-Tariffa ir-Registratur ghandu, meta tispicca l-kawza, jew wara transazzjoni jew ic-cessjoni taghha, **jintaxxa d-drittijiet dovuti skond din it-Tariffa**, u jnaqqas mit-taxxa dawk lammonti mhallsa sa dak in-nhar, u kull differenza fl-ammonti li tkun favur ir-Registratur tkun dovuta mill-parti stabbilita f’din it-Tariffa.”*.

Il-kaz li ghandha quddiemha l-qorti lanqas mhu wiehed mill-kazijiet kontemplati fl-istess paragrafu fejn ma tapplikax din ir-regola. Fil-fehma tal-qorti l-principju ghandu jkun li t-tariffa tkun dik applikabbli fiz-zmien tas-sentenza, ukoll fil-kaz tad-dritt tal-avukati u prokuraturi legali. Dan minkejja li f’tariffa E jidher li m’hemmx paragrafu simili ghall-paragrafu 12 tat-Tariffa A. It-tariffa hi stabbilita b’ligi li minn zmien ghal zmien tigi emendata. Fin-nuqqas ta’ provvediment *ad hoc*, tariffa li ma tkunx ghadha tapplika m’ghandix tigi applikata fir-rigward ta’ sentenza li tinghata wara l-emenda.

F’kull kaz pero’ l-qorti m’hijiex tal-fehma li r-rikorrenti ressqet xi argumenti godda li jikkonvincuha li ghandha thassar id-digriet li tat fit-30 ta’ Ottubru 2009. Ir-realta’ tibqa’ li permezz tal-kawza **Maria Debono vs Kanonku Dekan Francesco Camilleri** (Citaz. numru: 14/1959), illum pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, qeghda tigi kontestata l-validita’ tac-cedola ta’ irkupru ta’ Anthony Mifsud u konsegwenti rivendizzjoni. Kawza li jekk ikollha ezitu favorevoli ghall-attrici (Carmela Vella) jkun ifisser li Mifsud m’ghandu l-ebda jedd fuq il-proprjeta’ u li anzi l-fond hu ta’ Carmela Vella. Dan mehud in konsiderazzjoni li permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-

ismijiet: **Maria Debono vs Avukat Dr Paolo Mercieca et nomine** (Citaz. numru: 73/1958) deciza fit-30 ta' Jannar 2004, diga' gie stabbilit li fil-kaz tal-awtrici ta' Carmela Vella kellha dritt li tirkupra **b'titolu ta' konsorzju** peress li l-proprjeta' giet diviza f'porzjonijiet ta' l-utile dominju. Ghall-qorti hamsin (50) sena wara bdiet il-kawza, irrispettivament min kien responsabbli sabiex din il-kawza tkaxkar iktar minn nofs seklu, ma jkunx realtisiku jekk il-kawza tigi ntaxxata fuq il-valur li trid ir-rikorrenti.

**Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet tar-rikorrenti inkluz dik sabiex tirrevoka d-digriet li tat fit-30 ta' Ottubru 2009. Spejjez tar-rikors a karigu tar-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------